

Brussell, 15 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14031/25

COHAFA 80	ENV 1019
DEVGEN 175	COEST 752
FIN 1210	MAMA 241
PROCIV 127	MOG 121
COJUR 73	COAFR 272
ALIM 10	COASI 124
SAN 634	COLAC 162
EDUC 384	RELEX 1298

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja ffinanzjati fl-2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 562 final.

Mehmuż: COM(2025) 562 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2025
COM(2025) 562 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta'
għajnuna umanitarja ffinanzjati fl-2024**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	2
2.	Il-kuntest globali li fih titwassal l-assistenza	2
2.1.	Il-Viċinat tal-Lvant u t-Turkija.....	4
2.2.	Il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq	4
2.3.	L-Asja tal-Lbiċ u l-Peniżola Għarbija	5
2.4.	Il-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika	5
2.5.	L-Afrika tal-Punent u Ċentrali u l-Lagi l-Kbar	5
2.6.	Ix-Xlokk tal-Asja u l-Paċifiku	6
2.7.	Il-kontinent Amerikan u l-Karibew	6
3.	Twassil ta' għajnuna umanitarja adegwata u effettiva lill-popolazzjonijiet milquta.....	6
4.	Rieżami ta' kwalunkwe valutazzjoni esterna mwettqa fuq operazzjonijiet speċifiċi	9
5.	Links rilevanti.....	9

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea u l-eżiti fil-qasam tal-għajnuna umanitarja fl-2024, imwettqa mid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO, Directorate-General for European Civil Protection and Humanitarian Aid Operations) tal-Kummissjoni Ewropea. Tħejja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tressaq rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluż sommarju tal-operazzjonijiet iffinanzjati tul is-sena ta' qabel.

Il-mandat tad-DĠ ECHO huwa li **jgħin biex isalva u jippreżerva l-ħajja, jipprevjeni u jtaffi t-tbatija umana u jissalvagwardja l-integrità u d-dinjità tal-bniedem tal-popolazzjonijiet milquta minn perikli naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem** li jseħħu għewwa jew barra l-UE. Skont dan l-oġġettiv ġenerali, id-DĠ ECHO jaġixxi kemm bħala d-donatur tal-għajnuna umanitarja tal-UE kif ukoll bħala risponent għall-emerġenza. Huwa jaġixxi wkoll bħala koordinatur u faċilitatur tal-operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili fil-livell tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM, Union Civil Protection Mechanism). Il-UCPM jopera sa ċertu punt barra mill-UE biex twassal assistenza ta' emerġenza u għajnuna umanitarja. Bħala tali, jikkomplementa l-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja tad-DĠ ECHO kif deskritti f'dan id-dokument. L-attivitajiet tad-DĠ ECHO jikkontribwixxu għat-tweqqif tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni i) Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja; ii) Patt Ekoloġiku Ewropew; u iii) il-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna; u, 'il quddiem: i) era ġdida għad-difiża u s-sigurtà Ewropea; ii) insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: sigurtà tal-ikel, ilma u natura u; iii) Ewropa globali: nużaw b'għaġal is-setgħa u s-sħubijiet tagħna.

Permezz tad-DĠ ECHO, l-UE tipprovdi għajnuna umanitarja lill-persuni fil-bżonn madwar id-dinja, iggwidata mill-prinċipji umanitarji **tal-umanità, tal-imparzjalità, tal-indipendenza, tan-newtralità** u tan-nondiskriminazzjoni – imnaqqxa fl-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – u fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja⁽¹⁾. L-għajnuna umanitarja tal-UE titqassam lil dawk l-aktar fil-bżonn, irrispettivament min-nazzjonalità, mir-reliġjon, mill-ġeneru, mill-orijini etnika jew mill-affiljazzjoni politika tagħhom. Tindirizza wkoll b'mod speċifiku l-ħtiġijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-anzjani, tal-morda u tal-persuni b'diżabbiltà⁽²⁾.

2. IL-KUNTEST GLOBALI LI FIH TITWASSAL L-ASSISTENZA

L-2024 kienet sena oħra kkaratterizzata minn livelli għoljin ta' ħtiġijiet umanitarji globalment. Skont il-Global Humanitarian Overview 2024 tal-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-NU (OCHA, Office for the Coordination of Humanitarian Affairs)⁽³⁾, huwa stmat li kważi **300 miljun persuna madwar id-dinja** jeħtieġu assistenza ta' solliev u protezzjoni. Madwar 122,6 miljun persuna madwar id-dinja ġew spostati, bħala riżultat ta' kunflitt vjolenti, diżastru kkawżat mill-bniedem, perikli naturali u l-impatti tat-tibdil fil-klima. Madwar 295,3 miljun persuna jesperjenzaw livelli għoljin ta'

⁽¹⁾ [Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea \(2008/C 25/01\)](#).

⁽²⁾ F'konformità mal-[Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà](#) li l-UE hija firmatarja tagħha.

⁽³⁾ [Global Humanitarian Overview 2024 \[EN/AR/FR/ES\] | OCHA](#)

insigurtà tal-ikel akuta f'53 pajjiż jew territorju ⁽⁴⁾. It-tfal jibqgħu fost l-aktar gruppi vulnerabbli u x-xejriet dejjem jiżdiedu ta' **ksur gravi fil-konfront tat-tfal** f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati huma partikolarment inkwetanti.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet ikollha impatt devastanti fuq il-popolazzjoni ċivili. Aktar minn 14,6 miljun persuna Ukrena kellhom bżonn assistenza umanitarja. Fl-Istrixxa ta' Gaża, il-ħtiġijiet umanitarji huma enormi fis-setturi kollha. Il-popolazzjoni kollha ta' Gaża (2,1 miljun) hija esposta għal riskji ta' sigurtà u protezzjoni u tinsab f'riskju ta' karestija. Fis-Sudan kollu, 24,6 miljun persuna – aktar minn nofs il-popolazzjoni – qegħdin jiffaċċjaw insigurtà tal-ikel akuta, b'karestija f'mill-inqas ħames żoni. Il-kriżijiet kumplessi fil-Myanmar, fl-Afganistan, fil-Haiti, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fil-Qarn tal-Afrika, u l-kriżi fit-tul fir-reġjun tas-Saħel, fil-Jemen, fil-Kolombja u fil-Venezwela jkomplu jenfasizzaw l-isfidi gravi li qegħdin jiffaċċjaw il-popolazzjonijiet vulnerabbli globalment. Dawn il-kunflitti u l-kriżijiet huma xprunati aktar mill-fraġilità, mill-governanza li ma rnexxiex, mill-faqar strutturali u mill-**ksur** mifruq kontinwu **tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL, International Humanitarian Law)**.

It-twassil tal-ghajjnuna umanitarja għadu ta' sfida minħabba diskrepanza u tħassib dejjem akbar fil-finanzjament għas-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji. Id-diskrepanza fil-finanzjament bejn il-ħtiġijiet umanitarji u r-riżorsi disponibbli żdiedet minn defiċit ta' USD 36,8 biljun fl-2023 għal defiċit ta' USD 38,5 biljun sa tmiem l-2024⁽⁵⁾. Il-persunal umanitarju qiegħed jiffaċċja wkoll **nuqqas ta' prevedibbiltà, volatilità, insigurtà u nuqqas ta' rispett għall-IHL**. L-2024 kienet l-aktar sena li fiha qatt ġew irreġistrati mwiet ta' ħaddiema tal-ghajjnuna umanitarja, b'281 ħaddiem umanitarju maqtula globalment ⁽⁶⁾. **Aċċess ristrett jew miċħud** ixekkel it-twassil tal-ghajjnuna umanitarja lil persuni fil-bżonn u jikkomplica l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll neċessarji, bħall-monitoraġġ fuq il-post u l-valutazzjonijiet tal-bżonn.

Minkejja dawn l-isfidi, il-Kummissjoni **rnexxielha tilħaq l-oġettivi tagħha**, skont il-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE adottata f'Marzu 2021⁽⁷⁾. Fl-2024, l-ghajjnuna umanitarja tal-UE pprovdiet assistenza ta' emerġenza bbażata fuq il-ħtiġijiet u l-prinċipji u appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri lil persuni f'116-il pajjiż madwar id-dinja, immirata lejn dawk l-aktar vulnerabbli ⁽⁸⁾.

Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma wieħed mid-donaturi ewlenin ta' ghajjnuna umanitarja fid-dinja, billi jipprovdu madwar 27,4 % tal-kontribuzzjonijiet globali impenjati għall-ghajjnuna umanitarja. Il-Kummissjoni tipprovdi 8 % tal-finanzjament umanitarju globali⁽⁹⁾. Fl-2024, il-baġit inizjali ġie stabbilit għal **EUR 1,89 biljun**, li jippermetti lill-UE tintervjeni kemm fi kriżijiet umanitarji fuq skala kbira – inkluż fl-Ukrajna, fil-Palestina⁽¹⁰⁾ u fis-Sudan – kif ukoll li tiddedika 22 % tal-baġit inizjali għal kriżijiet minsija, dawk ta' natura severa u fit-tul fejn il-livell ta' ghajjnuna internazzjonali

⁽⁴⁾ [2025 Global Report on Food Crises | FSIN u GNAFC. 2025. GRFC 2025. Ruma.](#)

⁽⁵⁾ Défis Humanitaires <Sommarju: “Falling short ? Humanitarian funding and reform” - Défis Humanitaires>

⁽⁶⁾ [2024 deadliest year ever for aid workers, UN humanitarian office reports | UN News](#)

⁽⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill [dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji](#). COM(2021)/110 final

⁽⁸⁾ Sabiex tappoġġa approċċ ibbażat fuq l-evidenza fl-immappjar u fl-analiżi kuntestwali tar-riskji u tal-ħtiġijiet, il-Kummissjoni tuża [INFORM](#).

⁽⁹⁾ Servizz ta' Segwiment Finanzjarju tal-OCHA <[Financial Tracking Service](#)>

⁽¹⁰⁾ Din id-deżinjazzjoni tal-Palestina ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

għall-popolazzjonijiet milquta ma huwiex biżżejjed, bħal fil-Filippini, fil-Haiti, fil-Mozambique jew fil-kriżi tas-Saħara tal-Punent. Wara diversi żidiet fil-baġit⁽¹⁰⁾, il-baġit annwali finali għall-2024 qabeż l-**EUR 2,5 biljun**. Iż-żidiet riċevuti matul is-sena, oriġinaw mis-sorsi li ġejjin:

- Ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR, Emergency Aid Reserve) għal ammont totali ta' EUR 573 miljun, li jirrappreżenta 23 % tal-baġit umanitarju finali tal-UE. Dawn il-fondi ntużaw biex jipprovdu assistenza addizzjonali b'rispons għall-kriżijiet tal-ikel f'diversi pajjiżi Afrikani u fl-Afganistan, għall-vjolenza fil-Lvant Nofsani, għall-kriżi kumplessa fis-Sudan u għall-effetti konsegwenzjali tagħha fuq il-pajjiżi ġirien, għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u għall-kriżi ta' spostament fil-Venezwela;
- Riallokazzjonijiet mill-istrumenti tal-Intestatura VI biex jiġu indirizzati l-kriżijiet fil-Libanu u fis-Sudan t'Isfel (EUR 10,37 miljun);
- VAH - *Virement d'Aide Humanitaire* (l-Artikolu 30.2 tal-FR), li huma approprijazzjonijiet mhux użati mill-istrumenti tal-Intestatura VI biex jindirizzaw kriżijiet ġodda wara l-1 ta' Diċembru 2024; Ġew allokati EUR 3,3 miljun biex jintużaw fis-Sirja wara l-kollass tar-reġim ta' Assad;
- Dħul assenjat mill-ġdid mill-irkupri (EUR 2,5 miljun).

Il-Kummissjoni taħdem ma' **madwar 220 sieħeb** li minnhom 127 kienu ffinanzjati permezz ta' kuntratti ffirmati fl-2024 (ara l-lista fl-Anness II). Mill-finanzjament tal-2024, 42 % tqassam lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, Non-Governmental Organisations), 47 % lill-aġenziji tan-NU, 10 % lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u 0,5 % lill-organizzazzjonijiet governattivi. L-Anness I jippreżenta l-baġit allokati għall-kriżijiet ewlenin koperti mill-azzjonijiet tal-Kummissjoni fl-2024. L-azzjonijiet ewlenin fir-reġjuni differenti tad-dinja jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

2.1. Il-Viċinat tal-Lvant u t-Turkija

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha impatt devastanti fuq miljuni ta' ċittadini Ukreni, u wasslet għal imwiet u tbatija fost il-popolazzjoni ċivili, fi spostament massiv u f'qerda fuq skala kbira ta' infrastruttura kritika. Dan irriżulta fi ħtiġijiet umanitarji kbar. Is-sitwazzjoni f'żoni eqreb tal-front u dawk taħt il-kontroll militari tar-Russja għadha volatili ħafna, b'aktar minn 14,6 miljun persuna fil-bżonn ta' appoġġ umanitarju fl-2024. Fir-rigward tal-pajjiżi ġar tal-Moldova, fl-2024 il-pajjiż ospita madwar 130 000 refuġjat Ukren. Fl-2024, it-Turkija ospitat madwar 3,1 miljun Sirjan taħt protezzjoni temporanja, flimkien ma' 300 000 refuġjat u applikant għall-ażil irreġistrat minn pajjiżi oħra, prinċipalment l-Afganistan, l-Iraq, l-Iran u s-Somalja. B'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni għamlet total ta' EUR 165 miljun disponibbli, b'EUR 56,2 miljun addizzjonali għall-Moldova, għat-Turkija, għall-Viċinat tal-Lvant, għall-Balkani tal-Punent u għall-Asja Ċentrali.

2.2. Il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq

L-eskalazzjoni enormi tal-vjolenza fil-Lvant Nofsani wasslet għal qerda fuq skala kbira fl-Istrixxa ta' Gaża u rriżultat fi kriżi umanitarja katastrofika ta' skala u severità mingħajr preċedent. Matul l-2024, il-popolazzjoni kollha ta' Gaża ma għandhiex aċċess għall-ikel, għall-ilma jew għal servizzi bażiċi bħall-kura tas-saħħa u kenn. L-intensifikazzjoni tal-kunflitt bejn il-Hezbollah u Iżrael wasslet għal spostament fuq skala kbira. Barra minn hekk, fl-2024, il-Kummissjoni kompliet tindirizza l-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjoni

Sirjana, kif ukoll dawk tar-refuġjati Sirjani u tal-komunitajiet ospitanti vulnerabbli fil-pajjiżi ġirien (it-Turkija, il-Libanu, il-Ġordan, l-Eġittu u l-Iraq). L-Afrika ta' Fuq qiegħda tesperjenza wkoll diversi hotspots ta' spostament furzat. Ir-refuġjati tas-Sahara tal-Punent, miġbura f'ħames kampijiet madwar Tindouf fid-Deżert tas-Sahara Alġerin, jiddependu mill-assistenza umanitarja esterna. Il-Libja u l-Eġittu għadhom affettwati mill-flussi ta' refuġjati wara ż-żieda tal-vjolenza fis-Sudan. Barra minn hekk, il-Libja tibqa' punt ta' tluq ewlieni għall-flussi mħallta ta' migranti lejn l-Ewropa. Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet allokata EUR 526,5 miljun f'assistenza ta' solliet għal-Lvant Nofsani u għall-Afrika ta' Fuq.

2.3. L-Asja tal-Lbiċ u l-Peniżola Għarbija

Is-sitwazzjoni umanitarja fl-Afganistan hija mwiegħra, bi 22,9 miljun persuna fil-bżonn ta' assistenza umanitarja u terz tal-popolazzjoni li qiegħda tesperjenza livelli għoljin ta' insigurtà tal-ikel akuta. Il-politiki ripressivi tat-Taliban, li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa u lill-bniet, ikompli jxekklu l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet umanitarji fil-pajjiż. Il-kriżi tal-Afganistan qiegħda taffettwa wkoll lill-pajjiżi ġirien. L-Iran qiegħed jospita sa 6 miljun Afgan, u l-Pakistan qiegħed jospita madwar 3,1 miljun Afgan ta' status differenti. Fil-Peniżola Għarbija, il-kunflitt fil-Jemen daħal fil-11-il sena tiegħu, bil-popolazzjoni tiegħu tbat minn insigurtà tal-ikel akuta u minn nutrizzjoni ħażina, tifqigħat rikorrenti ta' epidemiji, spostament u tħassib serju ieħor dwar il-protezzjoni. Sabiex tirrispondi għall-kriżijiet fiż-żewġ reġjuni, il-Kummissjoni allokata EUR 306,9 miljun fl-2024.

2.4. Il-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika

Il-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika jospitaw 28 % tal-persuni kollha li jeħtieġu l-assistenza umanitarja. Ir-reġjun huwa kkaratterizzat minn kunflitt vjolenti, minn spostamenti tal-popolazzjoni, minn temp estrem ċikliku u minn epidemiji rikorrenti. Is-Sudan qiegħed jiffaċċja l-akbar kriżi ta' spostament fid-dinja, b'aktar minn 14,5-il miljun persuna mġiegħla jtilqu minn djarhom. Aktar minn nofs il-popolazzjoni qiegħda tbat minn insigurtà tal-ikel akuta, u l-kunflitt wassal għal vjolenza mifruxa, inkluża vjolenza sesswali u etnika, reklutaġġ ta' suldati tfal, u ksur kbir tal-IHL. Fir-reġjun tal-Qarn il-Kbir tal-Afrika – fis-Sudan t'Isfel, fil-Djibouti, fl-Etjopja, fil-Kenja u fis-Somalja, kważi 45 miljun persuna jeħtieġu assistenza umanitarja. Il-kunflitti u l-impatt tal-perikli naturali, bħan-nixfiet lokalizzati, l-għargħar u l-uqigħ tal-art, aggravati mit-tibdil fil-klima, qegħdin jixprunaw l-ispostament intern, l-insigurtà tal-ikel u l-flussi transfruntieri. Fin-Nofsinhar tal-Afrika, nixfa estiża kkawżata minn El Niño ħalliet 30 miljun ruħ f'14-il pajjiż jiffaċċjaw insigurtà tal-ikel akuta. Ir-reġjun kompla jiffaċċja perikli naturali bħaċ-ċiklun tropikali Chido u tifqigħat tal-mard. Fl-2024 ġie allokata baġit ta' aktar minn EUR 542,8 miljun biex jiġi indirizzati dawn il-ħtiġijiet umanitarji urġenti u oħrajn fir-reġjun.

2.5. L-Afrika tal-Punent u Ċentrali u l-Lagi l-Kbar

Diversi kunflitti reġjonali u interkonnessi jaffettwaw l-Afrika tal-Punent u Ċentrali, u l-effetti tagħhom huma aggravati mit-tibdil fil-klima. Il-kriżi tal-Baċir tal-Lag Chad li għandha impatt fuq iċ-Chad, il-Kamerun, in-Niġerja u n-Niġer, hija kriżi akuta u fit-tul, issa fil-15-il sena tagħha. Fis-Sahel Ċentrali, il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili tikkawża spostament furzat f'dak ir-reġjun u fil-pajjiżi kostali tal-Golf tal-Guinea. B'kollox, 43,3 miljun persuna kienu jeħtieġu assistenza umanitarja fl-2024 fir-reġjun tas-Sahel u tal-Lag Chad. Il-kunflitt fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo li jinvolvi l-armata tal-Kongo FARDC, diversi gruppi armati, u s-sedizzjoni tal-M23 appoġġata mir-Rwanda, wassal għal żieda drammatika fil-ħtiġijiet umanitarji, inkluż l-

ispostament ta' madwar seba' miljun ruħ. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-IHL ta' kuljum, u l-istess jista' jingħadd għall-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru mifruxa. Barra minn hekk, fl-2024 ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar intlaqat minn tifqigħat epidemiċi kemm tal-virus Mpox kif ukoll Marburg. Sabiex tirrispondi għall-kriżijiet fl-Afrika tal-Punent, fl-Afrika Ċentrali u fil-Lagi l-Kbar, il-Kummissjoni allokat baġit ta' EUR 413,1 miljun fl-2024, li għandu l-għan jindirizza l-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni u l-ħtiġijiet multisettorjali.

2.6. Ix-Xlokk tal-Asja u l-Paċifiku

Fl-2024, il-kunflitt armat fil-Myanmar żdied fl-intensità, u wassal għal xi wħud mill-aktar każijiet ta' ksur serju tal-IHL irreġistrati globalment. Aktar minn 20 miljun persuna fil-pajjiż (kważi 40 % tal-popolazzjoni) jeħtieġu assistenza umanitarja. Mill-kolp ta' stat militari ta' Tatmadaw fl-2021, għexieren ta' eluf ta' persuni ħarbu mill-Myanmar f'pajjiżi ġirien biex ifittxu rifuġju. Dan jinkludi r-Rohingya, li għadd kbir tagħhom iwettqu vjaġġi bil-baħar riskjużi. F'Cox's Bazar ġewwa l-Bangladesh, jinsab l-akbar kamp tar-refuġjati fid-dinja, li jospita kważi miljun refuġjat Rohingya apolidu li jiddependu mill-għajnuna umanitarja. Fir-reġjun tal-Paċifiku, l-UE rrispondiet għal għadd dejjem jikber ta' diżastri relatati mal-klima. Il-baġit tal-UE kien jammonta għal EUR 95,6 miljun fl-2024.

2.7. Il-kontinent Amerikan u l-Karibew

L-Amerka Ċentrali u l-Amerka t'Isfel jikkombinaw esponiment qawwi għall-vjolenza, għall-perikli naturali, għall-faqar u għall-inugwaljanzi fil-kuntest ta' kriżi tal-migrazzjoni mħallta transkontinentali. Il-kriżi umanitarja tal-Venezwela żdiedet b'mod sinifikanti hekk kif l-inkwiet politiku u soċjali żdied matul l-2024, bl-aċċess għas-saħħa bażika, għall-ikel u għall-ilma tax-xorb kompromess b'mod sever. L-ispostament ġewwa l-pajjiż u madwar ir-reġjun usa' kompla jkun strateġija ta' sopravivenza primarja li twassal lil 7,7 miljun persuna Venezwelana biex jaħarbu mill-pajjiż. L-impatt tal-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati tal-Venezwela jinħass fir-reġjun kollu, mill-Kolombja, sal-Panama, il-Gwatemala, il-Honduras, El Salvador u l-Messiku. In-nies li jkunu qegħdin jiċċaqalqu huma fost l-aktar vittmi vulnerabbli, u spiss ikunu superstiti ta' vjolenza, inkluż tal-kriminalità organizzata. Fil-Haiti, il-gruppi organizzati jikkontrollaw 80 % tal-belt kapitali Port au Prince u l-influwenza tagħhom tilħaq sew ħafna partijiet oħra tal-pajjiż. Fl-2024, il-kriżi fil-Haiti rat il-mewt ta' 5 000 persuna bħala riżultat ta' vjolenza, u 5,5 miljun persuna qegħdin ibatu minn insigurtà tal-ikel. Il-Kummissjoni allokat EUR 165,3 miljun f'assistenza ta' sollied lill-kontinent Amerikan u lill-Karibew fl-2024.

3. TWASSIL TA' GĦAJNUNA UMANITARJA ADEGWATA U EFFETTIVA LILL-POPOLAZZJONIJIET MILQUTA

Sabiex **tippromwovi l-multilateraliżmu** u ordni globali bbażata fuq ir-regoli permezz ta' rwol aktar attiv u vuċi aktar b'saħħitha għall-UE fid-dinja, il-Kummissjoni żammet sħubijiet strateġiċi u operazzjonali b'saħħithom kemm b'mod bilaterali kif ukoll multilaterali. Hija appoġġat sforz ta' finanzjament umanitarju sostanzjalment imsaħħaħ u kondiviżjoni aħjar tar-responsabbiltà fost id-donaturi. Il-Kummissjoni pproċediet biex tuża l-fondi miġbura⁽¹¹⁾ biex tippromwovi aktar il-lokalizzazzjoni u finanzjament inqas allokat,

⁽¹¹⁾ Is-Sudan, l-Afganistan, l-Ukrajna, il-Venezwela, il-Kolombja, il-Haiti.

kif ukoll biex taħdem permezz ta' **sħubijiet programmatiċi** ⁽¹²⁾ – kuntratti pluriennali biex tippromwovi aktar finanzjament flessibbli – bil-għan li s-sistema umanitarja ssir aktar effiċjenti u tħalli impatt. Il-Kummissjoni kompliet tinvolvi ruħha fil-proċess **Grand Bargain** ⁽¹³⁾, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' impenji ta' finanzjament u lokalizzazzjoni ta' kwalità.

Sabiex tikkomplementa l-finanzjament umanitarju tal-UE, il-Kummissjoni varat l-għodda interna tagħha ta' rispons umanitarju f'każ ta' emerġenza – **il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew (EHRC, European Humanitarian Response Capacity)** ⁽¹⁴⁾, li tappoġġa lis-sħab u tiffaċilita l-assistenza umanitarja, twassal l-oġġetti umanitarji u tittrasporta lill-ħaddiema umanitarji lejn żoni diffiċli li jintlaħqu fejn altrimenti ma tistax tingħata assistenza. Fl-2024, l-EHRC irrispondiet għal 16-il kriżi li affettwaw lil 17-il pajjiż ⁽¹⁵⁾, billi użat firxa ta' servizzi tat-trasport, inklużi titjiriet charter, u varjetà ta' servizzi loġistiċi.

- Total ta' 5 319-il tunnellata metrika ta' materjal ta' għajjnuna umanitarja ntbagħtu permezz ta' 97 titjira charter, bit-trasport bil-baħar u fuq l-art permezz tal-EHRC.
- Total ta' 16 683 passiġġier tal-persunal tal-assistenza umanitarja, inklużi 13-il espert skjerati tal-EHRC, inġarru minn Titjiriet tal-Għajjnuna Umanitarja tal-UE (EU HAB, EU Humanitarian Aid Flights).
- Total ta' 851 tunnellata metrika mill-ħażniet tal-EHRC, għal valur ta' aktar minn EUR 4,66 miljun, ingħataw lis-sħab.

Il-Kummissjoni mmobilizzat ukoll l-għodda ta' finanzjament ta' emerġenza tagħha – **is-Sett ta' Għodod ta' Emerġenza**. Dan huwa magħmul mill-Għodda għal Rispons ta' Emerġenza Kbira Akuta (ALERT, Acute Large Emergency Response Tool), mill-għodda tal-Epidemiji, mill-Għodda fuq skala żgħira u mill-appoġġ għall-Fond ta' Emerġenza għar-Rispons għad-Diżastri (DREF, Disaster Response Emergency Fund) tal-IFRC. Dan jipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali lis-sħab li jirrispondu għal diżastri li jseħħu f'daqqa, inkluż għadd dejjem akbar ta' diżastri kkawżati mill-klima. Is-Sett ta' Għodod ta' Emerġenza pprova madwar **EUR 52,5 miljun** li jappoġġaw **68 attività**, (żieda ta' 70 % meta mqabbla mal-2023), u 85 operazzjoni tad-DREF.

- L-Għodda fuq skala żgħira ġiet attivata 34 darba inkluż għar-risponsi għall-għargħar fl-Afganistan, fil-Kolombja, fil-Kenja u fil-Messiku; u għat-terremoti li laqtu lill-Vanuatu u lil Kuba.
- ALERT ġiet attivata 20 darba għar-rispons immedjat għall-għargħar f'diversi pajjiżi, inklużi l-Brażil, il-Myanmar, il-Filippini, in-Niġerja u l-Vjetnam; u għaċ-ċikluni tropikali fil-Bangladesh u fil-Mozambique.
- L-għodda tal-Epidemiji ġiet attivata 14-il darba għal: it-tifqigħa tal-Mpox fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fl-Uganda, it-tifqigħa tal-Marburg fir-Rwanda, u t-tifqigħat tal-kolera fis-Sudan t'Isfel, fis-Somalja u fiż-Żambja.
- Il-Kummissjoni forniet mill-ġdid lil 85 operazzjoni tad-DREF implimentati f'62 pajjiż mill-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs

⁽¹²⁾ [Programmatic Partnerships](#).

⁽¹³⁾ [The Grand Bargain](#)

⁽¹⁴⁾ [Il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew \(EHRC\) - il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁽¹⁵⁾ L-Afganistan, il-Burkina Faso, iċ-Chad, Kuba, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Haiti, il-Laos, il-Libanu, il-Mali, in-Niġer, ir-Rwanda, Saint Vincent u l-Grenadini, is-Somalja, is-Sudan u s-Sirja.

Qamar l-Aħmar (IFRC, International Federation of the Red Cross and Red Crescent Societies), inkluż b'rispons għall-għargħar, għan-nixfiet, għall-epidemiji u għall-movimenti tal-popolazzjoni.

Barra minn hekk, fl-2024 il-Kummissjoni żgurat l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-politika, u pprovdiet rakkomandazzjonijiet lis-sħab għal operazzjonijiet umanitarji ta' kwalità għolja, koerenti u responsabbli ffinanzjati mill-UE.

Is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni ilhom fiċ-ċentru tal-aġenda ġeopolitika u tal-aġenda ġeoeconomika mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'295,3 miljun persuna li jesperjenzaw insigurtà tal-ikel akuta fi 53 pajjiż jew territorju u b'dikjarazzjoni ta' **karestija** għall-ewwel darba mill-2017 (f'ħames żoni tas-Sudan), l-insigurtà tal-ikel akuta tinsab fl-ogħla livell li qatt kienet. Il-Kummissjoni allokat madwar EUR 720 miljun għall-**assistenza alimentari u n-nutrizzjoni u l-prevenzjoni l-karestija** fl-2024, 7 % aktar mill-2023.

L-assistenza umanitarja għas-saħħa tal-Kummissjoni kienet tammonta għal EUR 357 miljun madwar id-dinja fl-2024. Eżempji ta' kura li ssalva l-ħajja kienu jinkludu t-trawwim tal-aċċess għall-kura tas-saħħa primarja u riproduttiva u r-risponsi mediċi għall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, is-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali, il-kura tat-trauma u r-riabilitazzjoni. Matul l-2024, il-Kummissjoni rrispondiet biex tindirizza t-tifqigħat **tal-Kolera, tal-Mpox ⁽¹⁶⁾ u tal-Marburg** fil-kontinent Afrikan.

L-isforzi ta' promozzjoni tal-Kummissjoni biex tippromwovi r-rispett għall-**IHL** u l-protezzjoni tal-ħaddiema umanitarji u tal-ħaddiema tas-saħħa komplew permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi u interventi f'fora multilaterali u f'avvenimenti ta' livell għoli. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll finanzjament għal **proġetti relatati mal-IHL**. Dan kien jinkludi appoġġ għall-programm għall-prevenzjoni tal-ksur tal-IHL tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) u t-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-ksur tal-IHL. Hija nediet inizjattiva biex tipprowdi għajnuna konkreta lill-ħaddiema umanitarji (Niproteġu lill-ħaddiema Umanitarji). Il-mekkaniżmu joffri appoġġ u protezzjoni lill-ħaddiema umanitarji f'riskju jew li sofrew inċidenti kritiċi.

Il-protezzjoni tibqa' prijorità fis-setturi umanitarji kollha, bil-Kummissjoni talloka **14 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tagħha għal attivitajiet ta' protezzjoni settorjali**. Il-kriżijiet umanitarji jħallu impatt fuq in-nisa, il-bniet, is-subien u l-irġiel b'mod differenti u l-vulnerabbiltajiet individwali, bħal li wieħed jgħix b'diżabbiltà, jaffettwaw il-mod kif tiġi esperjenzata kriżi. Għalhekk, il-Kummissjoni kompliet tintegra l-inklużjoni tad-diżabbiltà u, it-tħassib dwar il-ġeneru u l-età fis-setturi kollha ta' intervent.

Aktar minn **234 miljun tifel u tifla u żagħżugħ u żagħżugħa** milquta minn kriżijiet madwar id-dinja jeħtieġu b'mod urġenti aċċess għall-apprendiment ⁽¹⁷⁾. Dan jinkludi 72 miljun li huma barra mill-iskola. Fl-2024, il-Kummissjoni kompliet tagħmel enfasi fuq l-**edukazzjoni f'emerġenzi**, filwaqt li żammet l-investiment fl-edukazzjoni fil-livell ambizzjuż ta' 10 % tal-baġit inizjali annwali tal-UE għall-għajnuna umanitarja, ekwivalenti għal aktar minn EUR 175 miljun.

Wieħed mill-multiplikaturi ewlenin tal-ħtiġijiet umanitarji llum huwa t-tibdil fil-klima. L-għadd u s-severità tal-perikli naturali qegħdin jiżdiedu bħala konsegwenza tal-fatt li d-dinja

⁽¹⁶⁾ Ir-rispons tal-Mpox huwa eżempju tajjeb tas-sinerġiji tal-UE. L-operazzjoni kienet tinkludi kollaborazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard.

⁽¹⁷⁾ [Aġġornamenti tal-Estimi Globali għall-2025| Education Cannot Wait](#)

tagħna qiegħda tisħon. Il-Kummissjoni hija ddedikata mhux biss biex tipprovdi rispons, iżda wkoll għat-tħejjija għal meta jseħħu diżastri. Għalhekk, terz tal-proġetti umanitarji kollha ffinanzjati mill-Kummissjoni jinkludu komponent ta' tħejjija u l-linja baġitarja għat-**Tħejjija għad-Diżastri** ddeżinjata kienet ta' **EUR 79 miljun** fl-2024. F'Mejju 2024, l-UE u r-**reġjun tal-Amerka Latina u l-Karibew** iffirmaw **Memorandum ta' Qbil** ⁽¹⁸⁾ biex iżidu l-kooperazzjoni dwar il-Ġestjoni integrata tar-Riskju ta' Diżastri, b'appoġġ għall-implimentazzjoni permezz tal-Pjattaforma Globali għar-Reżiljenza għall-Klima tal-IFRC.

Sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju u l-ħsara ambjentali tal-ġhajjnuna umanitarja, fl-2023 ir-Rekwiżiti Ambjentali Minimi saru obbligatorji għall-operazzjonijiet kollha ta' ġhajjnuna umanitarja ffinanzjati mill-UE. Fl-2024, tnediet sensiela ta' workshops u korsijiet għas-sħab u għall-persunal tad-DĠ ECHO. Il-Kummissjoni kompliet tiffinanzja proġetti ta' innovazzjoni dwar l-**ekoloġizzazzjoni tal-ġhajjnuna umanitarja** u tagħxi bħala Segretarjat tad-Dikjarazzjoni tad-Donaturi tal-Ġhajjnuna Umanitarja dwar il-Klima u l-Ambjent.

B'appoġġ għall-promozzjoni u biex ittejjeb il-profil tal-ġhajjnuna umanitarja tal-UE, il-Kummissjoni ġġenerat varjetà ta' prodotti tal-media u involviet ruħha f'firxa wiesgħa ta' **attivitajiet ta' komunikazzjoni**. Il-punti ewlenin kienu jinkludu l-**kampanja dwar l-ġhajjnuna umanitarja #FeedingHope** li laħqet aktar minn 70 miljun persuna f'10 Stati Membri, u b'hekk irdoppjat iċ-ċifri minn kampanji fis-snin ta' qabel. It-tielet edizzjoni tal-Forum Umanitarju Ewropew ġabret flimkien kważi 1 500 parteċipant minn madwar id-dinja.

4. RIEŻAMI TA' KWALUNKWE VALUTAZZJONI ESTERNA MWETTQA FUQ OPERAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Is-servizzi ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni huma responsabbli għat-tmexxija, għall-koordinazzjoni, għall-monitoraġġ u għar-rapportar dwar il-funzjoni ta' evalwazzjoni. Huma jipproduċu riżultati ta' evalwazzjoni f'waqthom u ta' kwalità għolja biex jipprovdu evidenza għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u akkontabilità. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkunu ġeografiċi, tematiċi jew iffukati fuq sħubija speċifika. L-Anness III jipprovdi lista tal-evalwazzjonijiet mlestija fl-2024 u ta' evalwazzjonijiet pendenti.

5. LINKS RILEVANTI

- Informazzjoni ġenerali dwar id-DĠ ECHO:
<http://ec.europa.eu/echo/mt>
- Informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet tal-ġhajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea fl-2024:
[Deċiżjonijiet ta' finanzjament \(HIPs\) 2024 - il-Kummissjoni Ewropea](#)
- Informazzjoni operazzjonali mis-snin ta' qabel:
[Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Ġhajjnuna Umanitarja \[il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)\]](#)

(18) [Memorandum ta' Qbil](#)

- Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2024:
Ir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2024 - Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO, European Civil Protection and Humanitarian Aid Operations) - il-Kummissjoni Ewropea
- Ir-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u tal-Prestazzjoni għall-2024:
Il-Pjan ta' ġestjoni għall-2024 – Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej - il-Kummissjoni Ewropea
- Ir-rapporti ta' evalwazzjoni tad-DĠ ECHO:
https://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/evaluations_mt
- Id-data tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri:
Paġna Prinċipali - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)